**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. MIRIAM HAYMAN LL.D.**

**Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 2019/2018**

**Dr Paul Soler et**

**vs**

**Ruth Vassallo et**

**Illum, 14 ta' Jannar, 2019**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni preżentat fit-12 ta' Diċembru 2018;

Rat id-digriet tagħha datat 12 ta' Diċembru, 2018 fejn it-talba ntlaqet b'mod provisorju.

Rat ir-risposta għall-istess rikors datata 26 ta' Diċembru, 2018fejn ġew miċħuda l-allegazzjonijietta' tħaffir mall-ħajt divisorju, oltre d-distanza stabbilita bil-Liġi (art 439 tal-Kap 16) dan almenu mingħajr il-kunsens u permess tar-rikorrenti.

Rat ukoll in-nota ta' l-istess rikorrenti datata 10 ta' Jannar, 2019 fejn l-istess saħħaħ il-jedd tiegħu għal ħruġ tal-mandat mitlub pero ppremetta li stante li l-intimati presentaw

id-debita dikjarazzjonijiet annessi mar-risposta tagħhom, fejn kien hemm impenn ta' nuqqas tat-tħaffir oltre d-distanza permessa mill-Liġi, allura l-mertu tal-mandat de quo kien ġie eżawrit u li l-Qorti kellha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess, b'riserva għall-ispejjes li kellhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda takkolji t-talba tar-rikorrenti li a bażi tad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-Perit James Manduca tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba fil-mandat in eżami u in vista tal-iter tal-fatti kif okkorrew u l-fatt li d-dikjarazzjoni msemmija ngħatat wara t-talba ta' l-inibizzjoni, tqies li l-intimat għandu jbgħati l-ispejjes ta' dawn il-proċeduri.

Tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tat-12 ta' Diċembru, 2018 fejn laqgħet it-talba proviżorjament.

**Onor. Miriam Hayman, LL.D.**
**Imhallef**